MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 16/2011

**Decizjoni tal-Arbitru Numru: 393/2011 fl-ismijiet:-**

**Rita Attard (ID 236755 M)**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fl-20 ta’ Ottubru 2011 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***“L-Arbitru,***

*Ra t-talba ghar-rikonsiderazzjoni tal-applikazzjoni tal-appellanti tas-27 ta' April 2011 ghall-Pensjoni Kontributorja (Invalidita`).*

*Ra d-decizjoni tal-Bord Mediku tal-15 ta' Dicembru 2010.*

*Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali tas-17 ta' Jannar 2011 fejn t-talba tal-appellanti giet michuda.*

*Ra l-ittra tal-appell tas-7 ta' Frar 2011 flimkien mac-certifikati medici ezebiti mill-appellanti.*

*Sema' lill-appellanti assistita mit-tabib taghha Dr. Portelli Demajo waqt is-seduta tat-13 ta' Ottubru2011.*

*Ha in konsiderazzjoni l-opinjoni tal-espert mediku prezenti ghas-seduta.*

***Ikkunsidra:***

*IIIi l-appellanti li ghandha sitta u hamsin sena hadmet l-ahhar fis-sena 2009 fil-hanut tal-merca li kienet tiggestixxi. Hija tispjega illi kellha taghlaq l-hanut minhabba li l-ugigh f'saqajha u f'dahrha beda jaggrava. It-tabib mediku taghha, Dr. Portelli Demajo spjega illi l-appellanti tbati minn ashma illi hija kontrollata u tbati wkoll minn problemi fl-irkobba u f'dahrha u ma tistax tahdem l-aktar minhabba l-problemi f'dahrha. Illi kien proprju ghalhekk illi l-appellanti waqt is-seduta inghatat l-opportunita` illi tipprezenta kopja tar-rapport tar-rizultat tal-X Ray ta' dahrha peress illi mir-records tad-Dipartiment ma' irrizultax li l-appellanti kienet ipprezentat tali rapport. Sussegwentement l-appellanti pprezentat kopja ta' rapport mediku provizorju mahrug fit-2 ta' Jannar 2009 mill-Professur C.L. Cutajar, f'liema rapport m'hemmx dettalji dwar il-problemi f'dahar l-appellanti u lanqas m'hemm rizultati tal-X Rays izda hemm indikat biss illi l-appellanti tbati fost mard iehor minn "low back pain due to osteoartritis".*

*Illi minn ezami tax-xhieda tal-appellanti u kif ukoll mic-certifikati medici ezebiti minnha ma jirrizultax*

*sodisfacentement ippruvat illi hija tbati minn mard serju, gravi u permanenti li jinhibiha milli tahdem hekk kif rikjest mill-artikolu 26 (1) b tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija l-appell qieghed jigi michud u d-decizjoni tad-Direttur qieghda tigi kkonfermata."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Rita Attard datat 11 ta' Novembru 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li dan l-appell giet appuntat ghall-finali trattazzjoni ghas-seduta tat-23 ta' Frar 2012.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Sigurta` Socjali) datata 20 ta' Frar 2012 a fol 5 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tal-Arbitru hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-23 ta' Frar 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Jose Herrera li assuma l-patroncinju tal-appellant u l-appellanti, u Dr. Nadia Foitt ghall-appellat id-Direttur tas-Servizzi Socjali rapprezentat minn George Cremona. Illi d-difensuri tal-partijiet qablu li l-process ghandu jigi rimess lill-Arbitru sabiex jigu verifikati l-X-rays li jinsabu fil-pussess tal-appellanti u li ser jigu esebiti quddiem l-imsemmija Arbitru, sabiex l-istess X-rays jigu ezaminanti mill-istess Arbitru skont il-Ligi, u b'hekk tigi rizolta l-pendenza odjerna fid-dawl tar-rizultanzi medici emergenti mill-istess X-rays. Illi ghalhekk l-appell gie differit ghas-sentenza ghad-29 ta' Frar 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet premessi datata 20 ta' Ottubru 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jidher li l-appell odjern jikkoncerna ezami u interpretazzjoni tal-X-rays li ghandhom jaghtu dawl fuq il-kondizzjoni tal-appellanti, X-rays li ma kienux disponibbli lill-Arbitru jidher minhabba malintiz, u ghalhekk b'sens ta' *fair play* il-partijiet odjerni tramite d-difensuri taghhom qablu b'verbal appositu quddiem din il-Qorti li la darba tali X-rays huma issa f'idejn l-appellant, dawn ghandhom jigu esebiti quddiem l-Arbitru sabiex wara li tali X-Rays jigu ezaminati mil-lat mediku taghhom, l-istess Bord jkun jista' jevalwa s-sitwazzjoni tal-appellanti fid-dawl ta' tali rizultanzi u ghalhekk stante din l-intiza bejn il-partijiet, din il-Qorti qed tilqa' l-appell u ghalhekk l-atti processwali qed jigu rimessi lill-istess Arbitru sabiex jigu appuntu esebiti l-istess X-Rays u wara ezami appositu tal-istess mill-lat mediku u fid-dawl tal-istess jigi determinat jekk l-appellanti tbatix minn mard serju, gravi u permanenti li jinibieha milli tahdem hekk kif rikjest mill-**artikolu 26 (1) b tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appellat id-Direttur Generali (Sigurta` Socjali) datata 20 ta' Frar 2012 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti fir-rikors taghha datat 11 ta' Novembru 2011 u dan biss fid-dawl li ntlahaq ftehim bejn il-partijiet fis-seduta quddiem din il-Qorti datat 23 ta' Frar 2012, u b'hekk tannulla u tirrevoka d-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet "Rita Attard vs Direttur tas-Sigurta' Socjali" datata 20 ta' Ottubru 2011 ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u tirrinvija l-atti lura lill-istess Arbitru sabiex fid-dawl ta' din id-decizjoni l-kaz tal-appellanti jigi trattat u deciz skont il-ligi.**

**Bl-ispejjez *stante* n-natura tal-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------